MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Numru 1366/2011

Il-Pulizija
(Spettur Frankie Sammut)

vs

Sean Grech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 81790M akkuzat talli:

- fis 27 ta’ Ottubru 2011 ghall-habta tad-9pm fi Triq il-Pellegrinagg, Bormla kif ukoll fil-jiem ta’ qabel din id-data volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbili jew immobbli u cioè ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GBM 307 tal-marka Honda Accord, liema hsara hija ta’ aktar minn 116.57 euros (mija u sittax-il euro u hamsa u sebghin

centezmu) jew 1164.69 euros (elf mija u erbgha u sittin euro u disa’ u sittin centezmu) ghad-dannu ta’ Anthony Bonello.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza, liema ammissjoni insista fuqa anka wara li l-Qorti tahtu hin jirrikonsidra.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Si tratta ta’ hsara kif tispiega l-akkuza;

Fil-kons ta’ din l-ewwel udjenza deheret il-persuna li sofriet il-hsara fil-vettura taghha li ddikjarat li ma kellix aktar protensjonijiet kontra l-imputat.

Il-Qorti qeghda b’daqshekk tifhem li l-partijiet irrangaw.

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati.

Rat l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 u ghal din id-darba qeghdha tapplika kontra l-imputat  l-Artikolu 22 tal-Kap 446 minghajr kondizzjoni.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------